Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 44

**Data tal-laqgħa: 23 ta' Marzu 2022**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-8.00 ta' filgħodu.

**PREŻENTI:**
Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

**ASSENTI:**
Ma kien hemm ebda membru assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
21442323 balzan.lc@gov.mt

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

44.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Id-DSE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 42 u Laqgħa 43. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 44.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

44.3.1 Statwa Santa Marija

Is- Sindku infurma lill-Kunsill li l-kuntratt mad- Direttorat għar-Restawr ġie ffirmat u jittama li sa l-aħħar ta' April id- direttorat jitfa' applikazzjoni mal-Planning Authority biex jibda l-proċess .

42.4.4 Is- Sindku tkellem fuq id-deċizjoni li kien ħa l-Kunsill biex jikteb għal darb'oħra lil Transport Malta rigward speed camera ġewwa Wied Ħal Balzan. Huwa qal li minn dak iz-zmien l'hawn iċ-ċirkostanzi nbidlu, ssejħet elezzjoni u peress li hija issue sensittiva ma xtaqx illi b'xi mod tiġi interpretata bħala xi ħaġa politika u għaldaqstant din it-talba ma bgħatiex.

44.3.2 **Skema Tisbiħ u Manutenzjoni Playingfields**

Is- Sindku talab li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss pero' xtaq jinfurma li diġa bdew isiru xi xogħolijiet.

42.9 Is- Sindku qal li wara li ntbgħatet lista mħejjija mill-Kunsillier A. Grech fejn għandhom jiġu nstallati is-sigarett bins huwa talab lis- DSE biex iġib tlett kwotazzjonijiet u deċizjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

## 44.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.4.1 Is- Sindku tkellem fuq il-laqgħa li kellu ma' l-Ambaxxiatur Spagnol fejn tqajmu bosta suġġetti ta' interess li jista' jkun hemm bejn iz-zewġ partijiet fosthom l-uzu ta' Villa Macedonia, il-ġnien tagħha, f'kaz li l-Kunsill ikun jixtieq jagħmel uzu minnu. Suġġett ieħor kien rigward il-possibilita' ta' xi ġemellaġġ ma xi post ġewwa Spagna u jidher li l-possibilitajiet huma kbar f'dan ir-rigward. Saret ukoll diskussjoni dwar xi wirji ta' ezebizzjonijiet Spagnoli f'xi post ġewwa l-lokalita'.

44.4.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva email mingħand l-Awtorita' tat- Turizmu dwar l-istat tal- Public Convenience fejn hemm bzonn li isir xi manutenzjoni fihom. Il-Kunsill approva li din il-manutenzjoni tibda' minnufih u jiġi rranġat kull ma hemm bzonn.

44.4.3 Is- Sindku tkellem dwar il- Community Police fejn esprima s-sodifazzjon tar-residenti fuq din l-inizjattiva u fl-istess ħin jidher li l-pulizija biex jaqdu dmirhom aħjar qed jitolbu li tinkera karozza bejn Ħ' Attard, Balzan u Lija. Wieħed irid jara' li jkun hemm ftehim bejn dawn it-tlett lokalitajiet qabel ma tittieħed deċizjoni.

## 44.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsilliera

44.5.1 Il- Kunsillier O. DeGaetano staqsa kif baqa' l-Kunsill fuq il-bankina ta' Triq Idmejda kantuniera ma Triq San Valentin.

44.5.1.1 Is- Sindku infurma lil Kunsillier li kited aktar minn zewġ email lil Perit Pierre Cassar mill-Water Services biex jitkomplu x-xogħolijiet mill-aktar fiss possibbli. Il-Perit bgħat lill-Kuntrattur biex z-zmien ma jittawwalx aktar u jitlestew minnufih. Is- Sindku kien ta' l-opinjoni li jekk din il-kwistjoni ħa ddum tkarkar huwa kien tal-fehma li jittieħdu mizuri temporanji u jitpoġġew bollards mal-kantuniera. Il-Kunsill approva.

## 44.6 Terminu tal-Kuntratt Tabelli u Sinjali

44.6.1 Id- DSE infurma lill- Kunsill li l-kuntrattur qed jittratjeni milli jagħmel xogħolijiet ordnati mill-Kunsill u mhux qed jinqeda. Dan wara diversi tentattivi biex il-kuntrattur jottempora mat-termini tal-Kuntratt. Għaldaqstant huwa qed jitlob li dan il-Kuntratt jiġi terminat minnufih.

44.6.2 Il-Kunsill talab lid- DSE biex ikellem l-avukat tal-Kunsill biex jinbeda' l-proċess ta' terminu u jinħareġ sejħa għal offerti oħra.

## 44.7 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor

44.7.1 Talba minn residenti biex fi Triq Wiġi Gauci jizdiedu parking spaces. Il-ħaddiema tal-Kunsill ser jagħmlu ispezzjoni imma jidher li ser ikun hemm problema minħabba il-5m kantuniera *double yellow line* mposta minn TM.

44.7.2 Talba minn xi ħaddiema li jaħdmu ġo ħanut partikolari biex jinħareġ permess għal parking ġewwa Wied Ħal Balzan minħabba li hemmhekk hemm ir-Residents Scheme Parking. Il-Kunsill ma approvax.

44.7.3 Talba minn resident li joqgħod Sqaq Nru 2, Triq it-Tlett Knejjes biex isir parking bollard fid-daħla tas-sqaq minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill filwaqt li ma jistax jagħlaq triq jew sqaq minħabba li hija art pubblika, minħabba raġunijet ta' saħħa ma jsibx oġġezzjoni li dan ir-resident jikteb lil awtoritajiet konċernati għal kunsiderazzjoni tagħhom.

44.7.4 Ilment minn resident li joqgħod Old Railway Road fejn hemm pparkjati tlett vannijiet kbar u ulhom hemm għal ħafna zmien. Il-Kunsill ser jinfurma lil Community Polce biex tittieħed azzjoni jekk hu l-kaz.

44.7.5 Talba minn xi residenti li tressqet lil Kunsillier A. Grech biex zewġ parking bays riservati għal karozzi GOTO fi Triq Il-Kbira jiġu rilokati x'imkien ieħor għar-raġuni li qed jieħdu spazju ta' parking bays għad-disposizzjoni tal-pubbliku meta dan il-parkeġġ riservat ma jintuza kwazi qatt minn dawk li qed jikru il-karozza GOTO. Il-Kunsill ser jiteb lill-awtorita' konċernata rigeard il-possibilita' ta' rilokazzjoni.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

44.8.1 Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti nru. 02/22, li tinkludi l-ammont ta' €62.24c bħala Petty Cash għax-xahar ta' Marzu 2022

44.8.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 44.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-9.18am

44.9.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' April 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta, 26 ta' April 2022

FFIRMAT

Dr. Angelo Micallef
Mayor

FFIRMAT

Mark Mallia
Deputy Executive Secretary